MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2013

Numru. 35/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Josef Said**

Kaz Numru: 35/2012

Illum 21 ta’ Mejju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Josef Said**, ta’ disgha u ghoxrin (29) sena, bin Michael u Lucy neé Grech, imwieled Victoria, nhar id-19 ta’ Mejju 1981, residenti fil-fond numru 107, Triq Dun Gwann Camilleri, Nadur u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 5082(G), akkuzat talli nhar il-31 ta’ Mejju 2010 ghal habta

ta’ l-10:15hrs ta’ filghodu gewwa Triq Qasam San Gorg, Rabat (Ghawdex):

1. b’nuqqas ta hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Stephanie Debono u ghamel hsara fuq hajt tas-sejjieh u dan bi ksur tal-Artikoli 226(1)(a) u 328(d) tal-Kapitolu 9;
2. kkommetta sewqan perikoluz u traskurat u dan ai termini ghal Artikoli 15(1)(a), (2) (3) tal-Kapitolu 65;

3. saq it-trakk bin-numru tar-registrazzjoni FAB 984 meta kellu t-tajers mikulin u mikdudin u dan ai termini tal-Artikolu 110 tal-Avviz Legali 65.12.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-*proces verbal* ezebit fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2012 u mmarkat bhala Dok. “JA”.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta’ April 2012 (*a fol.* 10) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li meta sar l-ezami tal-imputat (*a fol.* 13), l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet ukoll lill-kwerelanta Stephanie Debono tiddikjara li hija kienet qed tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli u li kien qed taghzel li ma tixhidx f’dawn il-proceduri.

Rat li l-imputat ma xehedx u anqas ressaq ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------